31975L0443

26.7.1975 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 196/1

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tas-26 ta' Ġunju 1975

dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mar-rivers u mat-tagħmir ta' l-ispeedometer ta' vetturi bil-mutur

(75/443/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni;

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlamemt Ewropew [1];

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali [2];

Billi l-ħtiġiet tekniċi li vetturi bil-mutur għandhom jissodisfaw skond il-liġijiet nazzjonali għandhom x'jaqsmu *inter alia* mar-rivers u l-*ispeedometer,*

Billi dawn il-ħtiġiet, partikolarment dawk li għandhom x'jaqsmu ma' l-*ispeedometer,* ivarjaw minn Stat Membru għall-ieħor; billi għalhekk huwa meħtieġ li l-Istati Membri kollha jadottaw l-istess dispożizzjonijiet jew b'żieda jew minflok ir-regoli eżistenti tagħhom, sabiex, partikolarment, il-proċedura ta'approvazzjoni tat-tip tal-KEE, li kienet is-suġġett tad-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE [3] tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, tista' tiġi applikata fir-rigward ta' kull tip ta' vettura;

Billi l-approssimazzjoni tal-liġijiet nazzjonali li għandhom x'jaqsmu mal-vetturi bil-mutur tinvolvi r-rikonoxximent reċiproku mill-Istati Membri ta' l-ispezzjonijiet imwettqa minn kull wieħed minnhom abbażi ta' dispożizzjonijiet komuni; billi, biex l-istess sistema tiffunzjona b'suċċess, dawn id-dispożizzjonijiet għandhom ikunu applikati mill-Istati Membri kollha b'seħħ mill-istess data,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, 'vettura' tfisser kwalunkwe vettura bil-mutur imaħsuba għall-użu fit-triq, bil-karrozzerija jew mingħajrha, li jkollha ta' l-inqas erba' roti u veloċità massima ddisinjata li taqbeż il-25 km/fis-siegħa, bl-eċċezzjoni ta' vetturi li jimxu fuq il-linji, tratturi u makkinarju għall-agrikolturs, u vetturi tax-xogħlijiet pubbliċi.

Artikolu 2

Ebda Stat Membru ma jista' jirrifjuta li jagħti approvazzjoni tat-tip tal-KEE jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali ta' vettura għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu mar-rivers u l-*ispeedometer* jekk dawn jissodisfaw il-ħtiġiet stipulati fl-Annessi I u II għal din id-Direttiva.

Artikolu 3

Ebda Stat Membru ma jista' jirrifjuta r-reġistrazzjoni jew jipprojbixxi l-bejgħ, id-dħul fis-servizz jew l-użu ta' vettura għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu mar-rivers u l-*ispeedometer* jekk dawn jissodisfaw il-ħtiġiet stipulati fl-Annessi I u II għal din id-Direttiva.

[1] ĠU Ċ 5, 8.1.1975, p. 41.
[2] ĠU Ċ 47, 27.2.1973, p. 44.
[3] ĠU L 42, 23.2.1970, p. 1.

Artikolu 4

L-Istat Membru li jagħti l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE għandu jieħu l-passi meħtieġa biex ikun infurmat bi kwalunkwe modifika li tkun saret lil xi partijiet jew karatteristiċi imsemmija fis-sezzjoni 2.1 ta' l-Anness II. L-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru għandhom jiddeterminaw jekk ikunx hemm bżonn li jitwettqu iktar testijiet dwar it-tip ta' vettura modifikat u li jitħejja rapport ġdid. Jekk dawn it-testijiet juru li l-ħtiġiet ta' din id-Direttiva ma kienux sodisfatti il-modifika ma għandhiex tiġi awtorizzata.

Artikolu 5

L-Istati Membri li fihom il-veloċità ta' vettura tiġi mkejla, fil-mument ta' adozzjoni ta' din id-Direttiva, f'mili fis-siegħa, għandhom ikunu awtorizzati illi jitolbu li t-tagħmir ta' l-*ispeedometer* li jitwaħħal fil-vetturi li jinbiegħu fil-pajjiż tagħhom ikun immarkat kemm f'kilometri fis-siegħa kif ukoll f'mili fis-siegħa, sa dak iż-żmien li l-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom tkun emendata biex titlob biss l-użu ta' unitajiet ta' kejl metriċi (SI) skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill Nru 71/354/KEE ([1]) tat-18 t'Ottubru 1971 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri ligħandhom x'jaqsmu ma' unitajiet ta' kejl, kif emendata mit-Trattat ta' l-Adeżjoni ([2]).

Artikolu 6

L-emendi meħtieġa biex ikunu adattati l-ħtiġiet ta' l-Annessi I u II għall-progress tekniku għandhom ikunu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13 tad-Direttiva Nru 70/156/KEE.

Artikolu 7

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw sa l-1 t'April 1976 id-dispożizzjonijiet meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva u għandhom minnufih jgħarrfu b'dan lill-Kummissjoni

Huma għandhom jimplimentaw dawn id-dispożizzjonijiet b'effett minn l-1 ta' Jannar 1977.

2. Wara n-notifika ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jieħdu passi biex jinfurmaw lill-Kummissjoni, fi żmien suffiċjenti għaliha biex tissottometti l-kummenti tagħha, dwar kwalunkwe abbozzi ta' liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi li huma jkunu fi ħsiebhom jadottaw fil-qasam kopert mid-Direttiva.

Artikolu 8

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fil-Lussemburgu, fis-26 ta' Ġunju 1975.

Għall-Kunsill

Il-President

P. BARRY

([1]) ĠU L 243, 29.10.1971, p. 29.
([2]) ĠU L 73, 27.3.1972, p. 14.

ANNESS I

RIVERS

Il-vetturi kollha għandhom ikunu mgħammra b'mezz għall-irriversjar li jista' jkun operat mill-pożizzjoni tas-sewqan.

ANNESS II

TAGĦMIR TA' L-*ISPEEDOMETER*

1. PREŻENZA

Il-vetturi kollha għandhom ikunu mgħammra b'tagħmir ta' *speedometer*. Dan m'għandux ikun meħtieġ għall-vetturi li jkunu mmanifatturati b'tagħmir ta' reġistrazzjoni, li l-karatteristiċi tad-disinn u l-installazzjoni tiegħu jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1463/70 ([1]) ta' l-20 ta' Lulju 1970 dwar l-introduzzjoni ta' tagħmir ta' reġistrazzjoni fit-trasport bit-triq.

2. DEFINIZZJONIJIET

Għall-iskop ta' din id-Direttiva:

2.1. 'Tip ta' vettura fir-rigward ta' tagħmir ta' l-*ispeedometer*' tfisser vetturi li ma jvarjawx fl-aspetti essenzjali segwenti:

2.1.1. *Tyres* normalment iffittjati;

2.1.2. ir-rapport tat trasmissjoni globali inkluża r-riduzzjoni tas-sewqan jekk tkun iffittjata (numru ta' dawrien ta' l-*input* ta' l-*ispeedometer* għal kull dawra tal-fus li jdawwar it-tagħmir ta' l-*ispeedometer* meta l-vettura tkun miexja f'linja dritta);

2.1.3. Tip (i) a tagħmir ta' l-*ispeedometer*; it-tip ikun definit bit-tolleranza tal-mekkaniżmu tal-kejl ta' l-*ispeedometer*, il-kostanti ta' l-istrument u l-marġni ta' l-ispeeds indikati;

2.2. '*tyres* normalment iffittjati' tfisser it-tip jew tipi ta' tajer ipprovdut mill-manifattur fuq it-tip ta' vettura in kwestjoni u speċifikat fid-dokument t'informazzjoni annessjat għad-Direttiva Nru 70/156/KEE; *tyres* tal-borra ma jitqisux bħala *tyres* normalment iffittjati;

2.3. 'pressjoni għal sewqan normali' tfisser il-pressjoni t'inflazzjoni kiesħa speċifikata mill-manifattur tal-vettura miżjuda b'0 72 bar;

2.4. '*speedometer*' tfisser dik il-parti tat-tagħmir ta' l-*ispeedometer* li tindika lis-sewwieq l-ispeed tal-vettura tiegħu f'ċertu ħin.

([1]) ĠU L 164, 27.7.1970, p. 1.

3. APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE

3.1. L-applikazzjonijiet għall-approvazzjoni tat-tip tal-KEE għal tip ta' vettura rigward it-tagħmir ta' l-*ispeedometer* għandhom ikunu sottomessi mill-manifattur tal-vettura jew mir-rappreżentant tiegħu debitament maħtur tiegħu.

3.2. Din għandha tkun akkumpanjata mid-dokumenti segwenti fi tliet kopji u bl-informazzjoni segwenti:

3.2.1. deskrizzjoni tat-tip ta' vettura rigward it-tagħmir ta' l-*ispeedometer*;

3.2.2. dettalji ta' *tyres* normalment iffittjati;

3.2.3. ir-rapport tat-tagħmir ta' l-*ispeedometer*.

3.3. Għat-test deskritt fis-sezzjoni 5 hawn taħt, vettura rappreżentattiva tat-tip ta' vettura li se tkun approvata għandha tkun sottomessa lis-servizz tekniku responsabbli għat-twettiq tat-testijiet t'approvazzjoni.

4. SPEĊIFIKAZZJONIJIET

4.1. Il-werrej ta' l-*ispeedometer* għandu jkun imqiegħed fil-qasam tal-viżjoni tas-sewwieq u jkun kjarament leġibbli kemm bi nhar kif ukoll bil-lejl. Il-marġni tal-veloċitajiet indikati għandhom ikunu kbar biżżejjed li jinkludu l-ispeed massimu mogħti mill-manifattur għat-tip ta' vettura.

4.2. Fejn l-*ispeedometer* għandu skala, hekk distinta minn forma ta' werrej diġitali, din tkun kjarament leġibbli.

4.2.1. Il-gradwazzjonijiet ikunu ta' 1, 2, 5 jew 10 km/siegħa. Il-valuri ta' l-ispeed, multipli ta' 20 km/siegħa, għandhom ikunu indikati fuq il-wiċċ.

4.2.2. Fil-każ ta' *speedometer* immanifatturat għall-bejgħ fi kwalunkwe Stat Membru fejn l-unitajiet imperjali ta' kejl huma użati, u fejn arranġamenti transizzjonali skond l-Artikolu 5 huma fis-seħħ, l-*ispeedometer* għandu jkun immarkat kemm f'km/siegħa kif ukoll f'mph (mili fis-siegħa); il-gradwazzjonijiet ikunu 1, 2, 5 jew 10 km/siegħa kif ukoll 1, 2, 5, jew 10 mph u l-valuri ta' l-ispeed indikat fuq il-wiċċ ikunu multipliċi ta' 20 km/siegħa jew multipliċi ta' 20 mph.

4.3. L-eżattezza tat-tagħmir ta' l-*ispeedometer* għandha tkun ittestjata skond il-proċedura segwenti:

4.3.1. Il-vettura tkun armata b'wieħed mit-tipi ta' *tyres* normalment iffittjati; it-test ikun irripetut għal kull wieħed mit-tipi ta' *speedometer* speċifikati mill-manifattur;

4.3.2. it-tagħbija fuq il-fus li jdawwar it-tagħmir ta' l-*ispeedometer* għandha tikkorrispondi mal-piż konformi ma' 2.6 ta' l-Anness I għad-Direttiva Nru 70/156/KEE;

4.3.3. it-temperatura ta' riferenza fl-*ispeedometer* tkun 23 ± 5 °C;

4.3.4. waqt kull test il-pressjoni tat-*tyres* tkun il-pressjoni tas-sewqan normali kif definita fi 2.3;

4.3.5. il-vettura tkun ittestjata fit-tliet veloċitajiet li ġejjin: 40, 80 u 120 km/siegħa jew 80 % ta' l-ispeed massimu speċifikat mill-manifattur, jekk dan ikun inferjuri għal 150 km/siegħa;

4.3.6. l-istrumentazzjoni tat-test użata għall-kejl tal-veloċità tal-vetturi vera jkun eżatt għal ± 1.0 %;

4.3.6.1. il-wiċċ tal-korsa tat-test meta użata lixxa u niexfa, u tkun tipprovdi adeżjoni suffiċjenti.

4.4. Il-veloċità indikata m'għandha qatt tkun inqas minn l-*ispeed* veru. Fil-veloċitajiet speċifikati għat-test f'4.3.5 t'hawn fuq u bejn dawn il-veloċitajiet, għandu jkun hemm ir-relazzjoni segwenti bejn il-veloċità indikata fuq il-wiċċ ta' l-*ispeedometer* (VI) u l-veloċità vera (V_2): $0 \leq V_1 - V_2 \leq \frac{V_2}{10} + 4$ km/h.